A.L. 4 ta' l-1996

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Materjali u Oġġetti f'Kuntatt ma' Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru għall-Iżvilupp Soċjali, bil-parir tal-Bord dwar *Standards* ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Materjali u Oġġetti f'Kuntatt ma' Ħwejjeġ ta' l-Ikel u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1997.

Għan.

2. (1) Dawn ir-regolamenti japplikaw għal materjali u oġġetti li, fl-istat lest tagħhom, jinġiebu jew ikunu maħsuba biex jinġiebu f'kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel jew ma' ilma li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, ikunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

(2) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:—

(a) sustanzi għall-kisi jew *coating*, inklużi s-sustanzi li jiksu l-qoxra tal-ġobon, prodotti tal-laħam preparati jew frott, li jkunu jiffurmaw parti mill-ħwejjeġ ta' l-ikel u jistgħu jiġu kkunsmati flimkien ma' dawk il-ħwejjeġ ta' l-ikel;

(b) tagħmir fiss pubbliku jew privat tal-provvista ta' l-ilma.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"EEC" kif użata f'dawn ir-regolamenti u fl-Iskedi li jinsabu magħhom tfisser il-Komunità Ekonomika Ewropea;

"film ta' ċelluloża riġenerata" tfisser folja rqiqa ta' materjal miksub minn ċelluloża raffinata derivata minn injam jew qoton

mhux riċiklat u li magħha jistgħu jiġu miżjuda sustanzi adatti jew fil-massa jew fuq il-wiċċ biex jiġu ssodisfati ħtiġiet tekniċi u li tista' tkun ikkowtjata fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat;

"ħwejjeġ ta' l-ikel" għandha l-istess tifsir kif mogħti lil "ħwejjeġ ta' l-ikel" fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb;

"ma jinstabx taħt analiżi" tfisser li l-*analyte* ma jinstabx wara li jkun intuża metodu validat ta' analiżi li kien isibu fid-*detection limit* speċifikat;

"metodu validat" tfisser metodu analitiku li jkun pruvat li jagħti riżultati preċiżi u eżatti;

"oġġetti taċ-ċeramika" tfisser oġġetti manifatturati minn taħlita ta' materjal inorganiku b'kontenut ġeneralment għoli ta' argilla jew silika li magħha jkunu setgħu żdiedu kwantitajiet żgħar ta' materjal organiku; dawn l-oġġetti l-ewwel tingħatalhom il-forma, liema forma tiġi mwebbsa permanentement f'forn, u jistgħu jiġu verniċjati, żmaltati u/jew dekorati;

"plastika" tfisser il-komposti makromolekulari organiċi miksubin bil-polimerizzazzjoni, polikondensazzjoni, poliaddizzjoni jew xi proċess simili ieħor minn molekuli ta' piż molekulari aktar baxx jew bl-alterazzjoni kimika ta' makromolekuli naturali, u tinkludi silikoni u komposti makromolekulari simili oħra li magħhom jistgħu jiżdiedu sustanzi jew materja oħra, iżda ma tinkludix:

— film ta' ċelluloża riġenerata verniċjat jew mhux verniċjat;

— *elastomers* u lastiku naturali u sintetiku;

— karta u kartun, kemm jekk dawn ikunu jew ma jkunux ġew modifikati biż-żieda ta' plastika;

— kisjiet tal-wiċċ miksubin minn:

xema' tal-paraffina, inkluża xema' tal-paraffina sintetika u/jew xema' mikro-kristallina; jew

taħlitiet tax-xema' msemmija waħda ma' l-oħra u/jew mal-plastika;

—*ion-exchange resins*;

"sustanzi *N-nitrosatable*" tfisser sustanzi li jistgħu jiġu konvertiti f'*N-nitrosamines*;

Manifattura ta' materjali u oġġetti.

4. Il-materjali u l-oġġetti għandhom jiġu manifatturati skond prattika tajba ta' manifattura hekk illi, taħt il-kondizzjonijiet normali u prevedibbli ta' użu tagħhom, ma jittrasferux il-kostitwenti tagħhom lill-ħwejjeġ ta' l-ikel fi kwantitajiet li jistgħu:

(i) jipperikolaw is-saħħa tal-bniedem;

(ii) joħolqu bidla mhux aċċettabbli fil-kompożizzjoni tal-ħaġa ta' l-ikel jew deterjorament fil-karatteristiċi organolettiċi tal-ħaġa ta' l-ikel.

Gruppi ta' materjali u oġġetti.

5. Il-gruppi ta' materjali u oġġetti mniżżlin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u, fejn adatt, kombinazzjonijiet ta' dawn il-materjali u oġġetti għandhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Materjali u oġġetti mhux diġà f'kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel.

6. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni provduta f'dawn ir-regolamenti, il-materjali jew oġġetti li jkunu maħsuba biex jiġu f'kuntatt, iżda li ma jkunux diġà f'kuntatt, ma' ħwejjeġ ta' l-ikel ma jistgħux jinbieghu jew jiġu importati kemm-il darba ma jkunux akkumpanjati b'tikketta jew indikazzjoni oħra bi:

(a) — il-kliem "għall-użu ta' ħwejjeġ ta' l-ikel", jew

— indikazzjoni speċifika ta' l-użu tagħhom, bħal makna tal-kafè, flixkun ta' l-inbid, mgħarfa tas-soppa, jew

— simbolu kif indikat fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) — fejn adatt, kull kondizzjoni speċjali li għandha tiġi osservata waqt li jkunu qed jintużaw;

(ċ) — jew l-isem jew l-isem tal-marka u l-indirizz jew l-uffiċju reġistrat,

— jew it-*trade mark* reġistrata

tal-fabbrikant jew proċessur, jew ta' bejjiegħ stabbilit f'Malta.

(2) Fl-istadju tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur ultimu, il-partikolaritajiet imniżżlin fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu jidhru sewwa, jistgħu jinqraw ċar u ma jkunux jistgħu jithassru u għandhom jidhru:

(a) fuq il-materjali jew oġġetti jew fuq l-ippakkjar tagħhom; jew

(b) fuq it-tikketti mwaħħla mal-materjali jew oġġetti jew ma' l-ippakkjar tagħhom; jew

(ċ) fuq avviż fil-viċinanza immedjata tal-materjali u ta' l-oġġetti u li jkun jidher ċar għax-xerrejja:

Iżda, għar-rigward ta' dawk il-partikolaritajiet imsemmija fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, l-għażla fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament għandha tapplika biss jekk dawn il-partikolaritajiet jew tikketta li jkollha lilhom fuqha, ma jkunux jistgħu, minħabba raġunijiet tekniċi, jiġu mwaħħla mal-materjali jew oġġetti msemmija.

(3) Fl-istadji tal-bejgħ minbarra l-istadju tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumatur ultimu, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-materjali jew oġġetti għandhom ikunu akkompanjati b'dikjarazzjoni bil-miktub li tikkonferma li dawn ikunu skond ir-regoli li japplikaw għalihom, u

(b) barra minn hekk, il-partikolaritajiet imniżżlin fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom jidhru:

(i) fuq id-dokumenti li jakkompanjawhom, u
(ii) fuq it-tikketti jew l-ippakkjar, jew
(iii) fuq il-materjali jew oġġetti stess.

(4) Il-partikolaritajiet imniżżlin fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament u d-dispożizzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament ma humiex obbligatorji għal materjali jew oġġetti li mix-xorta tagħhom ikunu jidhru biċ-ċar li jkunu maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti ta' l-ikel.

(5) Il-partikolaritajiet provduti fis-subparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu kkonfinati għal materjali jew oġġetti li jkunu skond:

(a) il-kriterji mniżżla fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, u

(b) dawk id-dispożizzjonijiet f'dawn ir-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mall-grupp speċifiku ta' materjali jew oġġetti.

(6) Il-partikolaritajiet meħtieġa f'dan ir-regolament għandhom jingħataw, għall-inqas, f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta. Din il-ħtieġa madankollu ma tipprekludix l-użu ta' ilsna oħra b'żieda għall-ilsien jew ilsna ta' Malta.

Limiti għall-*vinyl chloride monomer*.

7. (1) Il-materjali jew oġġetti preparati b'*vinyl chloride polymers* jew *copolymers* ma għandux ikun fihom *vinyl chloride monomer* fi kwantità li teċċedi milligramma għal kull kilogramm fil-prodott finali.

(2) Il-materjali jew oġġetti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ma għandhomx jgħaddu lill-ħwejjeġ ta' l-ikel li jkunu jew ikunu nġiebu f'kuntatt ma' dawk il-materjali jew oġġetti xi *vinyl chloride* fi kwantità daqs jew iżjed minn 0.01 mg għal kull kilogramm tal-ħaġa ta' l-ikel.

(3) Il-metodi ta' analiżi biex bihom jiġu ddeterminati l-livelli ta' *vinyl chloride* imsemmija fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu kif stabbiliti fid-Direttivi tal-Komunità Ewropea 80/766/EEC u 81/432/EEC rispettivament. Id-determinazzjoni ta' *vinyl chloride* rilaxxat mill-materjali jew oġġetti lill-ħwejjeġ ta' l-ikel imsemmija fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament għandha preferibbilment issir fil-ħwejjeġ ta' l-ikel infushom, ħlief li, meta dik id-determinazzjoni tidher li tkun impossibbli minħabba raġunijiet tekniċi, tkun permessa determinazzjoni b'simulanti għal dawn l-oġġetti ta' l-ikel partikolari.

Materjali u oġġetti tal-plastika.

8. (1) Materjali jew oġġetti li jkunu jikkonsistu esklussivament fi plastika, jew komposti minn żewġ saffi jew iżjed ta' materjali, li kull wieħed ikun jikkonsisti esklussivament fi plastika, li jkunu mwaħħlin ma' xulxin permezz ta' adeżivi jew mezzi oħra, ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom lill-ħwejjeġ ta' l-ikel fi kwantitajiet li jeċċedu 10 milligrammi għal kull deċimetru kwadru (mg/dm^2) ta' l-area tal-wiċċ tal-materjal jew oġġett (*overall migration limit*):

Iżda dan il-limitu għandu jkun ta' 60 milligrammi tal-kostitwenti rilaxxati għal kull kilogramm ta' ħaġa ta' l-ikel f'dawn il-każijiet li ġejjin:

— oġġetti li jkunu kontenituri jew komparabbli ma' kontenituri jew li jistgħu jimtlew, li jkunu jesgħu mhux inqas minn 500 millilitri u mhux iżjed minn 10 litri;

— oġġetti li jistgħu jimtlew u li għalihom ikun inprattikabbli li tiġi stmata l-area tal-wiċċ f'kuntatt mal-ħwejjeġ ta' l-ikel;

— tappijiet, *gaskets*, *stoppers* jew mezzi simili għall-issiġillar.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal materjali u oġġetti li jkunu komposti minn żewġ saffi jew iżjed, li wieħed jew iżjed minnhom ma jkunx jikkonsisti esklussivament fi plastika, anke jekk dak il-wieħed maħsub biex jiġi f'kuntatt dirett mal-ħwejjeġ ta' l-ikel ikun jikkonsisti esklussivament fi plastika.

(3) (a) Dawk il-*monomers* u *starting substances* oħra mniżżla fis-Sezzjonijiet A u B tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti biss jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastika suġġett għar-restrizzjonijiet speċifikati hemmhekk:

Iżda l-i*starting substances* imniżżla fis-Sezzjoni B ta' l-imsemmija Skeda ma għandhomx hekk jintużaw wara l-1 ta' Jannar, 1997.

(b) Il-kwantitajiet speċifikati fil-kolonna 4 tas-Sezzjonijiet A u B tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu determinati b'metodu validat ta' analiżi fil-limitu speċifikat.

(4) Lista inizjali ta' additivi li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastika hija murija fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(5) L-i*specific migration limits* stabbiliti fil-lista murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma espressi f'milligrammi għal kull kilogramm (mg/kg). Dawn il-limiti huma espressi f'milligrammi għal kull deċimetru kwadru (mg/dm^2) f'dawn il-każijiet li ġejjin:

— oġġetti li jkunu kontenituri jew komparabbli ma' kontenituri jew li jistgħu jimtlew, li jkunu jesgħu inqas minn 500 millilitri jew iżjed minn 10 litri;

— folji, film jew materjali oħra li ma jistgħux jimtlew jew li għalihom ikun inprattikabbli li tiġi stmata r-relazzjoni bejn l-area tal-wiċċ ta' dawk il-materjali u l-kwantità tal-ħaġa ta' l-ikel f'kuntatt magħhom.

F'dawn il-każijiet, il-limiti murija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti espressi f'mg/kg għandhom jiġu diviżi bil-*conventional conversion factor* ta' 6 sabiex jiġu espressi f'mg/dm^2.

(6) Il-verifika ta' osservanza tal-*migration limits* għandha ssir skond ir-regoli stabbiliti fid-Direttivi tal-Komunità Ewropea 82/711/EEC, 85/572/EEC u 90/128/EEC.

(7) Il-verifika ta' osservanza ta' l-i*specific migration limits* stabbiliti fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma tkunx obbligatorja, jekk:

— ikun jista' jiġi stabbilit li l-osservanza ta' l-*overall migration limit* imniżżel fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament timplika li l-i*specific migration limits* ma jkunux ġew eċċeduti; jew

— jekk ikun jista' jiġi stabbilit li, jekk wieħed jassumi migrazzjoni kompleta tas-sustanza residwali fil-materjal jew oġġett, din ma tkunx tista' teċċedi l-i*specific migration limit*.

Film ta' ċelluloża riġenerata.

9. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw għal film ta' ċelluloża riġenerata, li jew:

— ikun jikkostitwixxi prodott lest fih innifsu; jew

— ikun jifforma parti minn prodott lest li jkun fih materjali oħra,

u li jkun maħsub biex jiġi f'kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel, jew li, minħabba l-iskop tiegħu, jiġi f'dak il-kuntatt.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal:

— film ta' ċelluloża riġenerata li fuq in-naħa maħsuba biex tiġi f'kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel jew li, minħabba l-iskopijiet tiegħu, jiġi f'dak il-kuntatt, ikollu *coating* ta' iżjed minn 50mg/dm^2;

— *casings* sintetiċi ta' ċelluloża riġenerata.

(3) Dawk is-sustanzi jew gruppi ta' sustanzi mniżżla fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti biss jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' film ta' ċelluloża riġenerata u biss taħt il-kondizzjonijiet imniżżla f'dik l-Iskeda:

Iżda sustanzi barra minn dawk imniżżlin fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jintużaw meta dawn is-sustanzi jiġu wżati bħala materja koloranti (*dyes* u pigmenti) jew bħala adeżivi, basta li ma jkun hemm ebda traċċa ta' migrazzjoni tas-sustanzi fi jew fuq il-ħwejjeġ ta' l-ikel, li tkun tista' tinstab b'metodu validat.

(4) L-uċuħ stampati ta' film ta' ċelluloża riġenerata ma għandhomx jiġi f'kuntatt mal-ħwejjeġ ta' l-ikel.

Ċeramika.

10. (1) Il-kwantitajiet ta' ċomb u kadmju trasferiti minn oġġetti taċ-ċeramika ma għandhomx jeċċedu l-limiti stabbiliti fil-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament. Dawn il-kwantitajiet għandhom jiġu determinati bil-metodi stabbiliti fid-Direttiva tal-Komunità Ewropea 84/500/EEC.

(2) Meta oġġett taċ-ċeramika jkun jikkonsisti f'reċipjent li jkollu għatu taċ-ċeramika, il-limitu ta' ċomb u/jew kadmju li ma jistax jiġi eċċedut (fi mg/dm^2 jew mg/l) għandu jkun dak li jkun japplika għar-reċipjent waħdu. Ir-reċipjent waħdu u l-wiċċ ta' ġewwa ta' l-għatu għandhom jiġu ttestjati separatament u taħt l-istess kondizzjonijiet. Is-somma taż-żewġ livelli ta' estrazzjoni ta' ċomb u/jew kadmju hekk miksuba għandha tiġi relatata bħala li tkun ta' l-area tal-wiċċ jew il-volum tar-reċipjent waħdu.

(3) Oġġett taċ-ċeramika għandu jiġi rikonoxxut bħala li jkun jissodisfa l-ħtiġiet ta' dan ir-regolament jekk il-kwantitajiet ta' ċomb u/jew kadmju estratti kif deskritt fil-paragrafi preċedenti ma jkunux jeċċedu dawn il-limiti li ġejjin:

— Kategorija 1: Din il-kategorija tiġbor fiha:

(i) oġġetti li ma jistgħux jimtlew, u

(ii) oġġetti li jistgħu jimtlew, li l-fond intern tagħhom, imkejjel mill-punt l-aktar baxx sal-pjan orizzontali li jgħaddi minn max-xifer ta' fuq, ma jeċċedix 25 mm:

0.8 mg/dm^2 għaċ-ċomb
0.07 mg/dm^2 għall-kadmju

— Kategorija 2: Kull oġġett ieħor li jista' jimtela:

4.0 mg/l għaċ-ċomb
0.3 mg/l għall-kadmju

— Kategorija 3: Din il-kategorija tiġbor fiha:

(i) oġġetti tal-kċina, u

(ii) reċipjenti għall-ippakkjar u ħażna li jkunu jesgħu iżjed minn tliet litri:

1.5 mg/1 għaċ-ċomb
0.1 mg/1 għall-kadmju

Iżda, jekk oġġett taċ-ċeramika jkun jeċċedi l-kwantitajiet ta' hawn fuq b'inqas minn 50%, dak l-oġġett għandu madankollu jiġi rikonoxxut bħala li jkun jissodisfa l-ħtiġiet ta' dan ir-regolament, jekk għall-inqas tliet oġġetti oħra ta' l-istess għamla, dimensjonijiet, dekorazzjoni u verniċjatura jiġu assoġġettati għal test magħmul kif deskritt fil-paragrafi preċedenti, u l-kwantitajiet medji ta' ċomb u/jew kadmju estratti minn dawk l-oġġetti ma jeċċedux il-limiti stabbiliti, b'ebda wieħed minn dawk l-oġġetti ma jeċċedi dawk il-limiti b'iżjed minn 50%.

Gażaġi u *soothers*.

11. Gażaġi u *soothers* magħmula mill-*elastomer* jew lastiku ma għandhomx jgħaddu lir-*release-test liquid (saliva test solution)* taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fid-Direttiva tal-Komunità Ewropea 93/11/EEC xi *N-nitrosamine* u xi sustanza *N-nitrosatable* li jkunu jistgħu jinstabu b'metodu validat li jista' jsib dawn il-kwantitajiet li ġejjin:

— 0.01mg fit-total ta' *N-nitrosamines* rilaxxati għal kull kilogramm tal-partijiet tal-gażaża jew *soother* magħmula mill-*elastomer* jew lastiku;

— 0.1mg fit-total ta' sustanzi *N-nitrosatable* għal kull kilogramm tal-partijiet tal-gażaża jew *soother* magħmula mill-*elastomer* jew lastiku.

Tharis ta' dawn ir-regolamenti.

12. (1) Ebda persuna ma tista' timporta, tbiegħ, iżżomm għall-bejgħ, jew tissupplixxi b'kumpens jew xort'oħra, xi materjal jew oġġett jew xi ħaġa ta' l-ikel li tkun ġiet jew tkun f'kuntatt ma' dak il-materjal jew oġġett fil-każ il-wieħed u l-ieħor kemm-il darba l-materjal jew oġġett ma jkunx f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Ebda persuna ma tista' timmanifattura xi materjal jew oġġett jew tqiegħed, tgeżwer jew tippakkja xi ħaġa ta' l-ikel f'dak il-materjal jew oġġett li fil-każ il-wieħed u l-ieħor ma jkunx f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 5)

Lista ta' gruppi ta' materjali u oġġetti

Plastika, inklużi vernić u *coatings*

Ċelluloża riġenerata

Elastomers u lastiku

Karta u kartun

Ċeramika

Ħġieġ

Metalli u *alloys*

Injam, inkluż sufri

Prodotti tessili

Xema' tal-paraffina u xema' mikro-kristallina.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 6)

Simbolu li jista' jakkompanja lill-materjali u oġġetti li jkunu maħsubin biex jiġu f'kuntatt ma' ħwejjeġ ta' l-ikel



IT-TIELET SKEDA

(Regolament 8)

Lista ta' *monomers* u *starting substances* oħra li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' materjali u oġġetti tal-plastika

Introduzzjoni ġenerali

1. Din l-Iskeda fiha lista ta' *monomers* jew *starting substances* oħra. Il-lista tinkludi:

— sustanzi li tkun issirilhom polimerizzazzjoni, li tinkludi polikondensazzjoni, poliaddizzjoni jew xi proċess simili ieħor, għall-manifattura ta' makromolekuli,

— sustanzi makromolekulari naturali jew sintetiċi użati fil-manifattura ta' makromolekuli modifikati, jekk il-*monomers* jew l-i*starting substances* l-oħra meħtieġa biex jissintettizzawhom ma jkunux inklużi fil-lista,

— sustanzi użati biex jimmodifikaw sustanzi makromolekulari naturali jew sintetiċi eżistenti.

2. Il-lista ma tinkludix il-melħ (inkluż melħ doppju jew melħ aċidu) ta' l-aluminju, ammonju, kalċju, ħadid, manjesju, potassju, sodju u żingu ta' l-aċidi, *phenols* jew alkoħoli awtorizzati li huma wkoll awtorizzati. Iżda, ismijiet li jkun fihom 'Aċidu(i), melħ...' jidhru fil-listi jekk l-aċidu liberu jew aċidi liberi korrispondenti ma jkunx jew ma jkunux imsemmija. F'każijiet bħal dawn it-tifsira tal-kelma 'melħ' tkun 'melħ ta' l-aluminju, ammonju, kalċju, ħadid, manjesju, potassju, sodju u żingu'.

3. Il-lista wkoll ma tinkludix dawn is-sustanzi li ġejjin għalkemm dawn jistgħu ikunu preżenti:

(a) sustanzi li jistgħu jkunu preżenti fil-prodott lest bħal:

— impuritajiet fis-sustanzi użati,

— *reaction intermediates,*

— prodotti ta' dekompożizzjoni;

(b) *oligomers* u sustanzi makromolekulari naturali jew sintetiċi kif ukoll it-taħlitiet tagħhom, jekk il-*monomers* jew *starting substances* meħtieġa biex jissintettizzawhom ikunu nklużi fil-lista;

(ċ) taħlitiet tas-sustanzi awtorizzati.

Il-materjali u oġġetti li jkun fihom is-sustanzi indikati taħt (a), (b) u (ċ) għandhom ikunu f'konformità mal-ħtiġiet imsemmija fir-regolament 4.

4. Is-sustanzi għandhom ikunu ta' kwalità teknika tajba għal dawk li huma kriterji ta' purità.

5. Il-lista fiha din l-informazzjoni li ġejja:

— kolonna 1 (*PM/REF No*): in-numru ta' riferenza ta' l-EEC tas-sustanzi tal-lista għall-materjal ta' l-ippakkjar,

— kolonna 2 (*CAS No*): in-numru fir-Reġistru tal-*CAS (Chemical Abstracts Service),*

— kolonna 3 (Isem): l-isem kimiku,

— kolonna 4 (Restrizzjonijiet).

Dawn ir-restrizzjonijiet fil-kolonna 4 jistgħu jinkludu:

— *specific migration limit (SML)*

— kwantità massima permessa tas-sustanza 'residwali' fil-materjal jew oġġett (*QM*),

— kull restrizzjoni ohra speċifikament imsemmija.

6. Jekk sustanza li tkun tidher fuq il-lista bħala kompost individwali tkun ukoll koperta b'espressjoni ġenerika, ir-restrizzjonijiet li jkunu japplikaw għal din is-sustanza għandhom ikunu dawk indikati għall-kompost individwali.

7. Meta jkun hemm xi inkonsistenza bejn in-numru tal-*CAS* u l-isem kimiku, l-isem kimiku għandu jieħu preċedenza fuq in-numru tal-*CAS*. Jekk ikun hemm inkonsistenza bejn in-numru tal-*CAS* irrapportrat fl-*EINECS* (il-*European Inventory of Existing Commercial Chemical Substances)* u r-Reġistru tal-*CAS*, għandu japplika n-numru tal-*CAS* fir-Reġistru tal-*CAS*.

8. Fil-kolonna 4 tat-tabella huwa wżat numru ta' abbrevjazzjonijiet jew espressjonijiet li t-tifsiriet tagħhom huma kif ġej:

DL = *detection limit* tal-metodu ta' analiżi;

FP = materjal jew oġġett lest;

NCO = *isocyanate moiety*;

ND = ma jinstabx taħt analiżi;

QM = kwantità massima permessa tas-sustanza 'residwali' fil-materjal jew oġġett;

QM(T) = kwantità massima permessa tas-sustanza 'residwali' fil-materjal jew oġġett espressa bħala total tal-*moiety* jew sustanza(i) indikati;

SML = *specific migration limit* fi ħwejjeġ ta' l-ikel jew f'simulant ta' ħwejjeġ ta' l-ikel, kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra;

SML(T) = *specific migration limit* fi ħwejjeġ ta' l-ikel jew f'simulant ta' ħwejjeġ ta' l-ikel espress bħala total tal-*moiety* jew sustanza(i) indikati.

SEZZJONI A

Lista ta' *Monomers* u *Starting Substances* oħra Awtorizzati

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
10030	000514-10-3	Aċidu abjetiku	
10060	000075-07-0	*Acetaldehyde*	
10090	000064-19-7	Aċidu aċetiku	
10120	000108-05-4	Aċidu aċetiku, *vinyl ester*	*SML* = 12 mg/kg
10150	000108-24-7	Anidridu aċetiku	
10210	000074-86-2	Aċitilena	
10630	000079-06-1	*Acrylamide*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
10660	015214-89-8	*2-Acrylamido-2-methylpropanesulphonic acid*	*SML* = 0.05 mg/kg
10690	000079-10-7	Aċidu akriliku	
10750	002495-35-4	Aċidu akriliku, *benzyl ester*	
10780	000141-32-2	Aċidu akriliku, *n-butyl ester*	
10810	002998-08-5	Aċidu akriliku, *sec-butyl ester*	
10840	001663-39-4	Aċidu akriliku, *tert-butyl ester*	
11470	000140-88-5	Aċidu akriliku, *ethyl ester*	
	000818-61-1	Aċidu akriliku, *hydroxyethyl ester*	Ara 'Aċidu akriliku, *monoester* b'*ethyleneglycol*'
11590	000106-63-8	Aċidu akriliku, *isobutyl ester*	
11680	000689-12-3	Aċidu akriliku, *isopropyl ester*	
11710	000096-33-3	Aċidu akriliku, *methyl ester*	
11830	000818-61-1	Aċidu akriliku, *monoester* b'*ethyleneglycol*	
11890	002499-59-4	Aċidu akriliku, *n-octyl ester*	
11980	000925-60-0	Aċidu akriliku, *propyl ester*	
12100	000107-13-1	*Acrylonitrile*	*SML* = ma jinstabx taħt analiżi (*DL* = 0,020 mg/kg, inkluża tolleranza analitika)
12130	000124-04-9	Aċidu adipiku	
12280	002035-75-8	Anidridu adipiku	
12310		Albumina	
12340		Albumina, koagulata bil-*formaldehyde*	
12375		Alkoħoli, alifatiċi, monoidriċi, saturati, lineari, primarji (C4-C22)	
12670	002855-13-2	*1-Amino-3-aminomethyl-3,5,5-trimethylcyclohexane*	*SML* = 6 mg/kg
12788	002432-99-7	*11-Aminoundecanic acid*	*SML* = 5 mg/kg
12789	007664-41-7	Ammonja	
12820	000123-99-9	Aċiduażelajku	
12970	004196-95-6	Anidriduażelajku	
13000	001477-55-0	*1,3-Benzenedimethanamine*	*SML* = 0,05 mg/kg
13090	000065-85-0	Aċidu benzojku	
13150	000100-51-6	*Benzyl alcohol*	
	000111-46-6	*Bis(2-hydroxyethyl) ether*	Ara '*Diethyleneglycol*'
	000077-99-6	*2,2-Bis(hydroxymethyl)-1-butanol*	Ara '*1,1,1-Trimethylolpropane*'
13390	000105-08-8	*1,4-Bis(hydroxymethyl) cyclohexane*	
13480	000080-05-7	*2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane*	*SML* = 3 mg/kg
13510	001675-54-3	*2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane-bis(2,3-epoxypropyl) ether*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP* jew *SML* = ma jinstabx taħt analiżi (DL = 0,020 mg/kg, inkluża tolleranza analitika)
	000110-98-5	*Bis(hydroxypropyl) ether*	Ara '*Dipropyleneglycol*'
	005124-30-1	*Bis(4-isocyanotocyclohexyl) methane*	Ara '*Dicyclohexylmethane-4,4'-diisocyanate*'

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
13530	038103-06-9	*2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane bis(phtalic anhydride)*	*SML* = 0,05 mg/kg
13600	047465-97-4	*3,3-Bis(3-methyl-4-hydroxyphenyl)-2-indolinone*	*SML* = 1,8 mg/kg
	000080-05-7	*Bisphenol A*	Ara '*2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane*'
	001675-54-3	*Bisphenol A bis(2,3-epoxypropyl) ether*	Ara '*2,2-Bis(4-hydroxyphenyl) propane bis(2,3-epoxypropyl) ether*'
13614	038103-06-9	*Bisphenol A bis(phtalic anhydride)*	Ara 13530
13630	000106-99-0	*Butadiene*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP* jew *SML* = ma jinstabx taħt analiżi (*DL* = 0,020 mg/kg, inkluża tolleranza analitika)
13690	000107-88-0	*1,3-Butanediol*	
13840	000071-36-3	*1-Butanol*	
13870	000106-98-9	*1-Butene*	
13900	000107-01-7	*2-Butene*	
14110	000123-72-8	*Butyraldehyde*	
14140	000107-92-6	Aċidu butirriku	
14170	000106-31-0	Anidridu butirriku	
14200	000105-60-2	*Caprolactam*	*SML(T)* = 15 mg/kg
14230	002123-24-2	*Caprolactam*, melħ tas-sodju	*SML(T)* = 15 mg/kg (espress bħala *caprolactam*)
14320	000124-07-2	Aċidu kapriliku	
14350	000630-08-0	Monossidu tal-karbonju	
14380	000075-44-5	*Carbonyl chloride*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP*
14411	008001-79-4	Żejt ir-riġnu	
14500	009004-34-6	Ċelluloża	
14530	007782-50-5	Kloru	
	000106-89-8	*1-Chloro-2,3-epoxypropane*	Ara '*Epichlorohydrin*'
14680	000077-92-9	Aċidu ċitriku	
14710	000108-39-4	*m-Cresol*	
14740	000095-48-7	*o-Cresol*	
14770	000106-44-5	*p-Cresol*	
	000105-08-8	*1,4-Cyclohexanedimethanol*	Ara '*1,4-Bis(hydroxymethyl) cyclohexane*'
14950	003173-53-3	*Cyclohexyl isocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)
15070	001647-16-1	*1,9 - Decadiene*	*SML* = 0.05 mg/kg
15095	000334-48-5	*Decanoic acid*	
15100	000112-30-1	*1-Decanol*	
	000107-15-3	*1,2-Diaminoethane*	Ara '*Ethylenediamine*'
	000124-09-4	*1,6-Diaminohexane*	Ara '*Hexamethylenediamine*'
15250	000110-60-1	*1,4-Diaminobutane*	
15565	000106-46-7	1,4-Dichlorobenzene	*SML* = 12 mg/kg
15700	005124-30-1	*Dicyclohexylmethane-4,4'-diisocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)
15760	000111-46-6	*Diethyleneglycol*	*SML(T)* = 30 mg/kg waħdu jew bl-*ethyleneglycol*

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
15790	000111-40-0	*Diethylenetriamine*	*SML* = 5 mg/kg
15820	000345-92-6	*4-4'-Difluorobenzophenone*	*SML* = 0,05 mg/kg
15880	000120-80-9	*1,2-Dihydroxybenzene*	*SML* = 6 mg/kg
15910	000108-46-3	*1,3-Dihydroxybenzene*	*SML* = 2,4 mg/kg
15940	000123-31-9	*1,4-Dihydroxybenzene*	*SML* = 0,6 mg/kg
15970	000611-99-4	*4,4'-Dihydroxybenzophenone*	*SML* = 6 mg/kg
16000	000092-88-6	*4,4'-Dihydroxybiphenyl*	*SML* = 6 mg/kg
16150	000108-01-0	*Dimethylaminoethanol*	*SML* = 18 mg/kg
16240	000091-97-4	*3,3'-Dimethyl-4,4'-diisocyanatobiphenyl*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bhala *NCO*)
16480	000126-58-9	*Dipentacrythritol*	
16570	004128-73-8	*Diphenyl ether 4,4'-diisocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bhala *NCO*)
16600	005873-54-1	*Diphenylmethane 2,4'-diisocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bhala *NCO*)
16630	000101-68-8	*Diphenylmethane 4,4'-diisocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bhala *NCO*)
16660	000110-98-5	*Dipropyleneglycol*	
16750	000106-89-8	*Epichlorohydrin*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP*
16780	000064-17-5	*Ethanol*	
16950	000074-85-1	*Ethylene*	
16960	000107-15-3	*Ethylenediamine*	*SML* = 12 mg/kg
16990	000107-21-1	*Ethyleneglycol*	*SML(T)* = 30 mg/kg waħdu jew bid-*diethyleneglycol*
17005	000151-56-4	*Ethyleneimine*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
17020	000075-21-8	*Ethylene oxide*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP*
17050	000104-76-7	*2-Ethyl-1-hexanol*	*SML* = 30 mg/kg
17160	000097-53-0	*Eugenol*	*SML* = 0,01 mg/kg
17170	061788-47-4	Aċidi grassi, *coco*	
17200	068308-53-2	Aċidi grassi, *soya*	
17230	061790-12-3	Aċidi grassi, *tall oil*	
17260	000050-00-0	*Formaldehyde*	*SML* = 15 mg/kg
17290	000110-17-8	Aċidu fumariku	
17530	000050-99-7	*Glucose*	
18010	000110-94-1	Aċidu glutariku	
18070	000108-55-4	Anidridu glutariku	
18100	000056-81-5	*Glycerol*	
18250	000115-28-6	*Hexachloroendomethylenetetra-hydrophthalic acid*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
18280	000115-27-5	*Hexachloroendomethylenetetra-hydrophthalic anhydride*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
18310	036653-82-4	*1-Hexadecanol*	
18430	000116-15-4	*Hexafluoropropylene*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
18460	000124-09-4	*Hexamethylenediamine*	*SML* = 2,4 mg/kg
18640	000822-06-0	*Hexamethylene diisocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bhala *NCO*)
18670	000100-97-0	*Hexamethylenetetramine*	*SML (T)* = 15 mg/kg (espress bhala *formaldehyde*)
	000123-31-9	*Hydroquinone*	Ara *'1,4-Dihydroxybenzene'*
18880	000099-96-7	*P-Hydroxybenzoic acid*	

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
19000	000115-11-7	*Isobutene*	
19210	001459-93-4	*Isophthalic acid, dimethyl ester*	*SML* = 0.05 mg/kg
19270	000097-65-4	Aċidu itakoniku	
19470	000143-07-7	Aċidu lawriku	
19510	011132-73-3	*Lignocellulose*	
19540	000110-16-7	Aċidu malejku	*SML(T)* = 30 mg/kg
19960	000108-31-6	Anidridu malejku	*SML(T)* = 30 mg/kg (espress bħala aċidu malejku)
	000108-78-1	*Melamine*	Ara *'2,4,6,-Triamino-1,3,5-triazine'*
20020	000079-41-4	Aċidu metakriliku	
20080	002495-37-6	Aċidu metakriliku, *benzyl ester*	
20110	000097-88-1	Aċidu metakriliku, *butyl ester*	
20140	002998-18-7	Aċidu metakriliku, *sec-butyl ester*	
20170	000585-07-9	Aċidu metakriliku, *tert-butyl ester*	
20890	000097-63-2	Aċidu metakriliku, *ethyl ester*	
21010	000097-86-9	Aċidu metakriliku, *isobutyl ester*	
21100	004655-34-9	Aċidu metakriliku, *isopropyl ester*	
21130	000080-62-6	Aċidu metakriliku, *methyl ester*	
21190	000868-77-9	Aċidu metakriliku, *monoester* bl-*ethyleneglycol*	
21280	002177-70-0	Aċidu metakriliku, *phenyl ester*	
21340	002210-28-8	Aċidu metakriliku, *propyl ester*	
21460	000760-93-0	Anidridu metakriliku	
21490	000126-98-7	*Methacrylonitrile*	*SML* = ma jinstabx taħt analiżi (*DL* = 0,020 mg/kg, inkluża tolleranza analitika)
21550	000067-56-1	*Methanol*	
21940	000924-42-5	*N-Methylolacrylamide*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
22150	000691-37-2	*4-Methyl-1-pentene*	*SML* = 0,02 mg/kg
22350	000544-63-8	Aċidu miristiku	
22390	000840-65-3	*2,6-Naphtalenedicarboxylic acid, dimethyl ester*	*SML* = 0,05 mg/kg
22420	003173-72-6	*1,5-Naphthalene diisocyanate*	*M(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)
22450	009004-70-0	*Nitrocellulose*	
22480	000143-08-8	*1-Nonanol*	
22570	000112-96-9	*Octadecyl isocyanate*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)
22600	000111-87-5	*1-Octanol*	
22660	000111-66-0	*1-Octene*	*SML* = 15 mg/kg
22763	000112-80-1	Aċidu olejku	
22780	000057-10-3	Aċidu palmitiku	
22840	000115-77-5	*Pentacrythritol*	
22870	000071-41-0	*1-Pentanol*	
22960	000108-95-2	*Phenol*	
23050	000108-45-2	*1,3-Phenylenediamine*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP*
	000075-44-5	*Phosgene*	Ara *'Carbonyl chloride'*
23170	007664-38-2	Aċidu fosforiku	
		Aċidu ftaliku	Ara *'Terephthalic acid'*
23200	000088-99-3	*o-Phthalic acid*	
23230	000131-17-9	Aċidu ftaliku, *diallyl ester*	*SML* = *ND* (*DL* = 0,01 mg/kg)
23380	000085-44-9	Anidridu ftaliku	
23470	000080-56-8	*alpha-Pinene*	

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
23500	000127-91-3	*beta-Pinene*	
23590	025322-68-3	*Polyethyleneglycol*	
23650	025322-69-4	*Polypropyleneglycol* (Piż molekulari iżjed minn 400)	
23740	000057-55-6	*1,2-Propanediol*	
23800	000071-23-8	*1-Propanol*	
23830	000067-63-0	*2-Propanol*	
23860	000123-38-6	*Propionaldehyde*	
23890	000079-09-4	Aċidu propjoniku	
23950	000123-62-6	Anidridu propjoniku	
23980	000115-07-1	*Propylene*	
24010	000075-56-9	*Propylene oxide*	*QM* = 1 mg/kg f'*FP*
	000120-80-9	*Pyrocatechol*	Ara *'1,2-Dihydroxybenzene'*
24057	000089-32-7	*Pyromellitic anhydride*	*SML* = 0,05 mg/kg (espress bħala *pyromellitic acid*)
24070	073138-82-6	Aċidi tar-reżina u aċidi tar-*rosin*	
	000108-46-3	*Resorcinol*	Ara *'1-3-Dihydroxybenzene'*
24100	008050-09-7	*Rosin*	
24130	008050-09-7	Gomma tar-*rosin*	Ara *'Rosin'*
24160	008052-10-6	*Rosin tall oil*	
24190	009014-63-5	Injam tar-*rosin*	
24250	009006-04-6	Lastiku, naturali	
24270	000069-72-7	Aċidu saliċiliku	
24280	000111-20-6	Aċidu sabaċiku	
24430	002561-88-8	Anidridu sebaċiku	
24475	001313-82-2	Solfur tas-sodju	
24490	000050-70-4	*Sorbitol*	
24520	008001-22-7	Żejt tas-Soya	
24540	009005-25-8	Lamtu, li jittiekel	
24550	000057-11-4	Aċidu steariku	
24610	000100-42-5	*Styrene*	
24820	000110-15-6	Aċidu suċċiniku	
24850	000108-30-5	Anidridu suċċiniku	
24880	000057-50-1	*Sucrose*	
24887	006362-79-4	*5-Sulphoisophthalic acid,* melħ tal-monosodju	*SML* = 5 mg/kg
24888	003965-55-7	*5-Sulphoisophthalic acid, monosodium salt, dimethyl ester*	*SML* = 0,05 mg/kg
24910	000100-21-0	*Terephthalic acid*	*SML* = 7,5 mg/kg
24940	000100-20-9	*Terephthalic acid dichloride*	*SML* (*T*) = 7,5 mg/kg (espress bħala *terephthalic acid*)
24970	000120-61-6	*Terephthalic acid, dimethyl ester*	
25090	000112-60-7	*Tetraethyleneglycol*	
25120	000116-14-3	*Tetrafluoroethylene*	*SML* = 0,05 mg/kg
25150	000109-99-9	*Tetrahydrofuran*	*SML* = 0,6 mg/kg
25180	000102-60-3	*N,N,N',N'-Tetrakis (2-hydroxypropyl)-ethylenediamine*	
25210	000584-84-9	*2,4-Toluene diisocyanate*	*QM*(*T*) = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)
25240	000091-08-7	*2,6-Toluene diisocyanate*	*QM*(*T*) = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
25270	026747-90-0	*2,4-Toluene diisocyanate dimer*	*QM(T)* = 1 mg/kg f'*FP* (espressa bħala *NCO*)
25360		*Trialkyl (C5-C15) acetic acid, 2,3-epoxypropyl ester*	*SML* = 6 mg/kg
25420	000108-78-1	*2,4,6-Triamino-1,3,5-triazine*	*SML* = 30 mg/kg
25510	000112-27-6	*Triethyleneglycol*	
25600	000077-99-6	*1,1,1-Trimethylolpropane*	*SML* = 6 mg/kg
25910	024800-44-0	*Tripropyleneglycol*	
25960	000057-13-6	*Urea*	
26050	000075-01-4	*Vinyl chloride*	Ara *Council Directive 78/142/EEC*
26110	000075-35-4	*Vinylidene chloride*	*QM* = 5 mg/kg f'*FP* jew *SML* = ma jinstabx taħt analiżi (*DL* = 0,05 mg/kg)
26140	000075-38-7	*Vinylidene fluoride*	*SML* = 5 mg/kg

SEZZJONI B

Lista ta' *Monomers* u *Starting Substances* oħra li jistgħu ikomplu jintużaw pendenti Deċiżjoni fuq Inklużjoni fis-Sezzjoni A

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
	000542-02-9	*Acetoguanamine*	Ara '*2,4-Diamino-6-methyl-1,3,5-triazine*'
10160	002206-94-2	*alpha-Acetoxystyrene*	
10162	010521-96-7	*beta-Acetoxystyrene*	
10480		Aċidi, alifatiċi, *monocarboxylic*, saturati (C2-C24)	
10510		Aċidi, alifatiċi, *monocarboxylic*, mhux saturati (C3-C24)	
10599/70		Aċidi, grassi, mhux saturati (C18)	
10599/90A	061788-89-4	Aċidi, grassi, mhux saturati (C18), *dimers*, distillati	
10599/91	061788-89-4	Aċidi, grassi, mhux saturati (C18), *dimers*, mhux distillati	
10599/92A	068783-41-5	Aċidi, grassi, mhux saturati (C18), *dimers*, idroġenati, distillati	
10599/93	068783-41-5	Aċidi, grassi, mhux saturati (C18), *dimers*, idroġenati, mhux distillati	
10930	003066-71-5	Aċidu akriliku, *cyclohexyl ester*	
11000	050976-02-8	Aċidu akriliku, *dicyclopentadienyl ester*	
11050	001070-70-8	Aċidu akriliku, *diester* bi *1,4-butanediol*	
11180	017831-71-9	Aċidu akriliku, *diester* bit-*tetraethylene-glycol*	
11195	068901-05-3	Aċidu akriliku, *diester* bit-*tripropylene-glycol*	
11245	002156-97-0	Aċidu akriliku, *dodecyl ester*	
11500	000103-11-7	Aċidu akriliku, *2-ethylhexyl ester*	
11520	002918-23-2	Aċidu akriliku, *2-hydroxyisopropyl ester* (= *acrylic acid, 2-hydroxy-1-methylethyl ester*)	
11530	000999-61-1	Aċidu akriliku, *2-hydroxypropyl ester*	
11560	005888-33-5	Aċidu akriliku, *isobornyl ester*	
11620	001330-61-6	Aċidu akriliku, *isodecyl ester*	
11650	029590-42-9	Aċidu akriliku, *isooctyl ester*	
11695	003121-61-7	Aċidu akriliku, *2-methoxyethyl ester*	
11740	010095-13-3	Aċidu akriliku, *monoester* bi *1,3-butanediol*	
11770	002478-10-6	Aċidu akriliku, *monoester* bi *1,4-butanediol*	
11800	013533-05-6	Aċidu akriliku, *monoester* bi *diethyleneglycol*	
12010	040074-09-7	Aċidu akriliku, *2-sulphoethyl ester*	
12040	039121-78-3	Aċidu akriliku, *sulphopropyl ester*	
12055	094160-26-6	Aċidu akriliku, *triester* bi *glycerol tris (2-hydroxypropyl) ether*	
12062	075577-70-7	Aċidu akriliku, *triester* bi *1,1,1-trimethylol-propane tris (2-hydroxyethyl) ether*	
12160	002998-04-1	Aċidu adipiku, *diallyl ester*	
12190	000105-97-5	Aċidu adipiku, *didecyl ester*	
12220	027178-16-1	Aċidu adipiku, *diisodecyl ester*	
12250	000123-79-5	Aċidu adipiku, *dioctyl ester*	
12265	004074-90-2	Aċidu adipiku, *divinyl ester*	

PM/Ref. No.	*CAS No.*	Isem	Restrizzjonijiet
(1)	(2)	(3)	(4)
12370		Alkoholi, alifatiċi, monoidriċi, saturati, lineari, sekondarji jew terzjarji (C4-C22)	
12610	000107-18-6	*Allyl alcohol*	
12700	000150-13-0	*p-Aminobenzoic acid*	
12790	000080-46-6	*p-tert-Amylphenol*	
12850	029602-44-6	Aċiduażelajku, *bis (2-hydroxyethyl) ester*	
12910	001732-10-1	Aċiduażelajku, *dimethyl ester*	
	000528-44-9	*1,2,4-Benzenetricarboxylic acid*	Ara *'Trimellitic acid'*
13060	004422-95-1	*1,3,5-Benzenetricarboxylic acid trichloride*	
	000091-76-9	*Benzoguanamine*	Ara *'2,4-Diamino-6-phenyl-1,3,5-triazine'*
13328	000104-38-1	*Bis(2-hydroxyethyl) ether* ta' *hydroquinone*	
13660	000584-03-2	*1,2-Butanediol*	
13720	000110-63-4	*1,4-Butanediol*	
13750	000513-85-9	*2,3-Butanediol*	
13780	002425-79-8	*1,4-Butanediol bis (2,3-epoxypropyl) ether*	*QM(T)* = 5 mg/kg f'*FP* (espressa bħala epoxy)
13810	000505-65-7	*1,4-Butanediol formal*	
13932	000598-32-3	*3-Buten-2-ol*	
13960	001852-16-0	*N-(Butoxymethyl) acrylamide*	
14020	000098-54-4	*4-tert-Butylphenol*	
14260	000502-44-3	*Caprolactone*	
	000115-28-6	*Chlorendic acid*	Ara *'Hexachloroendomethylenetetrahyphthalic acid'*
14800	003724-65-0	Aċidu krotoniku	
15020	002182-05-0	*Cyclohexyl vinyl ether*	
15130	000872-05-9	*1-Decene*	
15280	000542-02-9	*2,4-Diamino-6-methyl-1,3,5-triazine*	
15310	000091-76-9	*2,4-Diamino-6-phenyl-1,3,5-triazine*	
15340	000109-76-2	*1,3-Diaminopropane*	
15370	003236-53-1	*1,6-Diamino-2,2,4-trimethylhexane*	
15400	003236-54-2	*1,6-Diamino-2,4,4-trimethylhexane*	
15490	002215-89-6	*4,4'-Dicarboxydiphenyl ether*	
15580	001653-19-6	*2,3-Dichloro-1,3-butadiene*	
